PLANNING AUTHORITY

**Avviż Skont L-Artikoli 95, 97 u 100 tal-Att VII tal-2016**
**Dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp**
**Avviż biex Tieqaf u ta' Twettiq**

MIDI plc
North Shore
Manoel Island
Gzira GZR 3016

Maħruġ fi : 23 ta' Settembru 2016
Rif. Tagħna : EC/00414/16

Jidher li għall-Awtorita' tal-Ippjanar kien hemm ksur tal-kontroll tal-ippjanar fi:
Site at Il-Gzira ta' Forti Manoel, Gzira (skont is-*site plan* annessa).

Il-ksur tal-kontroll tal-ippjanar jikkonsisti f'li:
Għandek erbgħa (4) xtiebi (gates) mingħajr permess.

L-Awtorita' tal-Ippjanar jidhrilha li huwa bżonnjuż, meta tqis id-dispożizzjonijiet tal-pjanijiet ta' żvilupp u konsiderazzjonijiet oħra ta' sustanza, li toħroġ dan l-Avviż biex Tieqaf u ta' Twettiq, bis-saħħa tal-poteri li għandha skont l-Artikoli 95, 97, 99 u 100 tal-Att Nru. VII tal-2016.

L-Awtorita' tal-Ippjanar tesiġi li jieqaf immedjatament l-iżvilupp hawn fuq imsemmi u kull żvilupp ieħor fuq is-sit in kwistjoni, jekk għadu jsir, ma jinbeda l-ebda żvilupp ieħor fuq is-sit, u jittieħdu dawn il-passi sabiex jieqaf il-ksur :
Tneħħi l-iżvilupp hawn fuq imsemmi fi żmien 16-il ġurnata.

Jidher ukoll li l -ksur jikkwalifika għall-penali kif elenkat fl- iskeda ta' multi għal kull gurnata liema skeda tinsab fl-Avviż Legali 276 tal-2012 (Regolamenti tal-2012 dwar Multi għal Kull Ġurnata).

Għaldaqstant qed tiġi avżat li dan l-ksur tal-kontroll tal-ippjanar huwa suġġett għall-multa għal kull ġurnata hekk kif stabbilit f'Regolament 3 tal-Avviż Legali 276 tal-2012. Tali multa taqa' fil-Kategorija tal-Avviż Legali specifikata hawn taħt, u tiġi applikata hekk:

| **Skeda ta' Multi għal kull Ġurnata** | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | DATA TAN-NOTIFIKA + | | | | |
| | 0-16-il ġurnata | 17-50 ġurnata | 51-180 ġurnata | 181-365 ġurnata | 366 ġurnata jew aktar |
| Kategorija A | Xejn | EUR 2 kull jum | EUR 2 kull jum | EUR 2 kull jum | EUR 4 kull jum |

Infakkrek li l-penali ser ikomplu jiddekorru kif elenkat hawn fuq sa massimu ta' EUR50,000 jew sakemm l-iżvilupp illegali kopert b'din il-multa jitneħħa. Tali multa qed tiġi imposta bla ħsara għal xi multa oħra jew ammont ieħor dovut lill-Awtorita' taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att VII tal-2016.

Filwaqt li l-Awtorita' tibqa' tesiġi li dan l-iżvilupp jitwaqqaf minnufih, ninfurmak li dan l-Avviż qed jinħareg mingħajr preġudizzju għal kull azzjoni oħra li l-Awtorita' jidhrilha xierqa li tieħu fiċ-ċirkostanzi.

**Hu fl-interess tiegħek li tinforma minnufih lill-Awtorita' jekk int tneħħi l-iżvilupp illegali kopert f'dan l-Avviż.**

Frankie Scerri
Principal Enforcement Officer

---------------------------------
Frank Scerri (Enforcement)
Għad-Direttur tal-Infurzar

-DocNenfFineWHOLE-